**9 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Caterina mart l-imsiefer Pasquale Frendo

*versus*

Avukat Dottor Joseph Cassar, LL.D. et noe

**Maintenance Order — Ġudikat — Alimenti — Talba ġdida għall-**

*Maintenance Order jifforma ġudikat b'mod li jista' għal talba ġdida agħall-alimenti minn dik il-persuna li tkun otteniet dak l-ordni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi wara li tippremetti illi l-imsemmi Pasquale Frendo rrenda ruħu ħati lejha ta' abbandun, servizzi, u nġurji gravi b'mod illi l-koabitazzjon ma' teżistix aktar, anqas bħala stat ta' fatt, titlob illi, wara l jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) dina l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet għall-ħtija tal-konvenut nomine fuq indikati u li tiġi konsegwentement awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) tiġi fissata rata alimentarja a favur tagħha li l-konvenuti nomine jiġu kkundannati jħallsu fir-rata, lok, ħin u mod li jiġi stabilit minn dina l-Qorti, u (3) dina l-Qorti tapplika kontra l-imsemmijin konvenuti nomine, f'kollox jew in parte d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 55 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu huwa applikabbli għall-każ. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuti, nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi, u d-dokumenti prodotti minnha fiċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, li biha jeċċepixxu illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri tal-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti;

Semgħet lill-attriċi bil-ġurament;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża u dawk li ssemmew fix-xhieda ta' l-attriċi;

Ikkunsidrat:—

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi żżewġet lil Pasquale Frendo, xi 26 sena ilu, li minn dan iż-żwieġ twieldu ħamest itfal, illum kollha ta' età maġġuri; li l-imsemmi Pasquale Frendo, żewġ l-attriċi kien minn dejjem mogħti għax-xorb: hu abbanduna lill-attriċi xi seba' xhur wara ż-żwieġ u meta hi kienet gravida bl-ewwel tarbija u rritorna magħha xi ħamest ijiem wara t-twelid ta' l-istess tarbija u reġa' abbandunaha meta din it-tarbija kellha xi tliet ġimgħat u mbagħad irritorna jgħix ma l-attriċi, li żewġ l-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-flus, kważi bil-ġuħ, talment li l-ewwel tifel meta miet kellu jiġi trasportat iċ-Ċimiteru bħala fqir, u ntant Pasquale Frendo, missier it-tifel kien jaħdem, li hu kien joffendi lil attriċi bi kliem inġurjuż meta hi kienet titolbu jagħtiha l-flus għall-manteniment tagħha u ta' wliedha, u kien anke joħdilha xi deheb tagħha u jbiegħu biex bir-rikavat ikun jista' jmur jilgħab; li fl-inċidenti li kienu jinqalgħu meta l-attriċi kienet titolbu jagħtiha l-flus għall-manteniment tagħha u ta' wliedha, u kien anke joħdilha xi deheb tagħha u jbiegħu biex bir-rika-

vat ikun jista' jmur jilgħab; li fl-inċidenti li kienu jinqalgħu meta l-attriċi kienet titolbu jagħtiha l-flus, żewġha kien isawwatha, ikisser l-affarijiet tad-dar u jagħmel xenati, li Pasquale Frendo xi sbatax-il sena ilu siefer, imbarkat u mar l-Ingilterra li wara dan is-safar l-attriċi kienet irċeviet £10 kull xahar għall-erba' darbiet, u billi ma rċevitx flus aktar mingħandu l-attriċi pproċediet kontra tiegħu għall-manteniment tagħha u tat-tliet uliedha Maria Carmela, Maria Dolores u Anthony, allura minuri, permezz ta' Maintenance Order, u b'deċiżjoni ta din il-Qorti, tal-21 ta' April, 1948, konfermata mit-Thames Police Court b'deċiżjoni tat-28 ta' Awissu, 1948, Pasquale Frendo ġie kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għall-imsemmijin tliet itfal, il-pensjoni alimentarja ta' £4 fil-ġimgħa; li in forza ta' dak l-Order l-attriċi rċeviet biss darba £5 u darb'oħra £8, imbagħad ma rċevitx flus aktar. Dan kien fis-sena, 1949, minn daka ż-żmien Pasquale Frendo lanqas qatt ma kiteb xi ittra lill-attriċi martu, abbandunaha għal kollox, u jirriżulta li ppreferixxa li jmur il-ħabż, milli jagħtiha l-manteniment kif ġie kundannat jagħmel bl-Ordni msemmi.

Illi mill-premess jevinċi li Pasquale Frendo rrenda ruħu ħati lejn l-attriċi martu ta' abbandun, sevizzi, u nġurji gravi, liema ħtijiet jivvjolaw profondament ir-rigwardi tal-konvivenza konjugali u kwindi jikkostitwixxu motiv għas-separazzjoni personali. Għalhekk l-ewwel domanda dedotta mill-attriċi hija ġustifikata.

Illi kunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, *dina l-Qorti* tal-fehma, fit-terminu tal-arbitrju diskrezzjonali lilha mogħti bl-artikolu 53, tal-Kodiċi Ċivili, li minħabba l-fatti kolpużi ta' Pasquale Frendo li rrenda d-disordni fil-ħajja domestika bejnu u l-attriċi għandhom jiġu difronti tiegħu applikati d-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikoli 56 u 58 ta' l-istess Kodiċi. Dan għal dak li jirrigwarda t-tielet domanda.

Illi kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-12 *ta' Novembru, 1954, in re Buttigieg vs. Zammit*, jekk mara tkun otteniet "Maintenance Order", kontra żewġha, u dana l-ordni jkun ġie konfermat mill-Qorti ta' barra tal-pajjiż fejn joqgħod żewġha, dik il-mara ma tistax titlob mill-ġdid sentenza ta' kundanna ta' żewġha biex jissomministralha pensjoni alimentarja, jekk it-tieni kawża ssir bejn l-istess persuni, għall-istess oġġett, u fuq l-istess kawżali għax allura jista' għad-domanda l-ġdida l-ġudikat preċedenti. Fil-każ taħt konsiderazzjoni, kif ġa ingħand aktar 'il fuq, l-attriċi ġa otteniet minn dina l-Qorti b'mod provvidorju, u definitivament mill-Qorti tal-Ingilterra, il-pensjoni alimentarja li qiegħda titlob f'din il-kawża, li għalhekk it-tieni domanda ma tistax tiġi milqugħa billi josta għaliha l-ġudikat.

Tiddeċiedi illi (1), tilqa' l-ewwel domanda u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' l-attriċi u Pasquale Frendo, għall-ħtijiet fuq indikati, ta' dan ta' l-aħħar, u tawtorizza lill-attriċi tgħix separata minn żewġha; (2) tirrespinġi t-tieni domanda; (3) tilqa't-tielet domanda, u tordna li s-separazzjoni b'din is-sentenza pronunzjata għandha a rigward ta' Pasquale Frendo, ir-raġel tal-attriċi, kif jinsab rappreżentat f'dan il-ġudizzju, l-effetti kollha kontemplati fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 56, tal-Kodiċi Ċivili, u għandha tiġi wkoll applikata d-dispożizzjoni tal-Artikolu 58, tal-Kodiċi imsemmi, l-ispejjeż tal-kawża relativi għall-ewwel u t-tielet domanda jitħallsu mill-konvenuti nomine, dawn però relativi għat-tieni domanda jibqgħu a kariku esklussiv ta' l-attriċi.